MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 632/1997/1

**Paul Darmanin**

**v.**

**Antoine Buhagiar**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni, kif korrett, ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi fil-5 ta' Lulju 1996 ghal xi s-7.30 *a.m*. waqt li huwa kien qed isuq *minibus* numru Y-2262, propjetà tieghu, gewwa

Tarxien Road, Ghaxaq, fid-direzzjoni ta’ Hal-Tarxien, din sfat involuta f’incident awtomobilistiku ma’ trakk numru E-8855 li kien misjuq mill-konvenut fl-istess triq izda mid-direzzjoni opposta (Dok. A); illi bhala konsegwenza ta’ l-incident, l-attur garrab danni ingenti (Dok. B) tant li l-vettura giet dikjarata *beyond economical repair*; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenut, interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa’ inadempjenti; talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b’konsegwenza ta’ l-istess garrab l-attur; 2. tillikwida d-danni ta’ l-attur *occorrendo* bl-opra ta’ periti nominandi; 3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu *in linea* ta’ danni; bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Dicembru 1996, dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Jannar 1997, u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ dak l-att ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Nicholas Grech illi biha eccepixxa:

1. Illi l-attur irid jipprova li huwa l-proprjetarju tal-vettura Y-2262;

2. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretta (*sic*) hija nfondata *sia* fil-fatt u *sia* fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li huwa unikament il-proprjetarju tal-vattur (*sic*) E-8855, u li ma kienx qed isuq l-istess fil-mument tal-kollizjoni;

3. Illi jsegwi, relattivament ghat-tieni talba attrici, li ma hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tieghu, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

4. Illi jsegwi, relattivament ghat-tielet talba attrici illi ma hemmx danni li ghalihom ghandhu jigi kundannat li jaghmel fronti, u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

5. Illi f'kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati *sia* fil-fatt u *sia* fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta'osservanzva tar-regolamenti tat-traffiku;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Nicholas Grech, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu laqghet il-korrezzjoni fic-citazzjoni biex isem il-konvenut jigi jaqra Antoine Buhagiar minflok Nicholas Grech;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 19, presumibilment issa tal-konvenut Antoine Buhagiar, illi biha eccepixxa:

1. Illi l-attur irid jipprova li huwa s-sid tal-vettura Y-2262;

2. Illi l-ewwel talba attrici hija infondata *sia* fil-fatt u *sia* fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *de quo* kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

3. Illi, relattivament ghat-tieni talba attrici, li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjenti u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

4. Illi jsegwi, relattivament ghat-tielet talba attrici, li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjenti ghandhu jigi kundannat li jaghmel fronti;

5. Illi f'kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni allegatament lilu kagunati;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Antoine Buhagiar u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi fl-iskizz jidher li l-vetturi qeghdin t-tnejn fuq is-*side* taghhom tat-triq. Din hija l-posizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Izda fil-hin ta' l-incident wahda mill-vetturi qabzet il-linja medjana u nvadiet il-kareggjata tas-sewwieq l-iehor u kkawzat l-incident.

"Il-konvenut xehed li hu kien ghaddej fit-triq tieghu li hija ghad-dritt. *Invece* kien l-attur li kien qed jiehu liwja u jidher li kien gej b'xi *speed* (ara *brakemarks* 14.50m). Il-konvenut ma kellux ghalfejn imur *wrongside*. Hu ma halla ebda *brakemarks*. L-attur *invece* kien qed jiehu [l-]liwja bi *speed*, u skond il-konvenut, dak il-hin, l-attur kellu ostakolu fuq ix-xellug tieghu (*van* iehor) li kellu jevita, u biex ghamel hekk kiser aktar lejn nofs it-triq. Dina kienet l-versjoni [illi] nghatat *a tempo vergine* lis-surgent mill-istess attur u konfermata mill-konvenut li baqa jinsisti fuqha fil-Qorti. L-attur *a tempo vergine* ma semmiex mas-surgent li l-konvenut kien mar *wrongside* fuqu.

"Kwantu ghall argument ta' l-attur li l-*brakemarks* tieghu qeghdin kollha fuq is-*side* tieghu, f'dan il-kaz il-Qorti ma tantx tista' taghti affidament tal-posizzjoni tal-*brakemarks* (apparti t-tul taghhom) billi s-Surgent l-ewwel kien qed [*i.e.* qieghed] il-*brakemarks* dritti wara t-*truck* imbaghad fuq korrezzjoni ghamilhom dritti wara t-*transit*.

"Kwantu ghal dak li xehed Martin Brincat il-Qorti tirrileva li dana x-xhud, li nzerta habib ta' l-attur, meta gara l-incident kien ghadu l-boghod mill-konvenut u ghalhekk [ma]

setghax ighid ezattament x'ikkawza l-incident. *Inoltre* dak in nhar il-pulizija ma hadulux ismu bhala xhud u lanqas hu ma offra li jidher bhala xhud.

"Anke d-daqqiet huma kompatibbili ma dak li qed ighid il-konvenut. Fil-fatt id-daqqa ta' l-attur kienet fuq quddiem lejn il-lemin, principalment in-naha tax-xufier. Il-*minibus* laqghtitu fuq il-*mudguard* ta' quddiem tan-naha tal-lemin, tkaxkar mal-genb tat-trakk, inqala' minn mieghu u baqa jitkaxkar l'isfel sakemm waqaf. Skond l-okkorrenza t-*truck* garrab hsara fuq il-*bumper*, gemb u l-kaxxa fuq in-naha tal-lemin waqt li l-*minibus* kellha hsara kbira fuq quddiem.

"'F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu' (Ara *Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri* 31/3/72RF).

"Fil-kaz in ezami l-Qorti tikkonkludi li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-incident gara tort tal-konvenut, anzi jirrizulta li t-tort kien ta' l-attur";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u <u>tirrevoka</u> s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba ta' l-esponent, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u tirrimetti l-atti tal-kawza lill-Ewwel Qorti sabiex din tghaddi ghad-decizjoni taghha dwar it-tieni u t-tielet talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenut";

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi jigi michud l-appell

promoss mill-attur u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat tmienja (8) tar-rikors ta' appell l-attur jghid hekk dwar is-sentenza appellata (fol. 139):
"L-aggravji ta' l-esponent huma cari u manifesti:-

- Ghaliex ghamlet apprezzament sbilancjat tal-fatti tal-kaz.
- Ghaliex ghazlet li tiskarta provi oggettivi u determinanti.
- Ghaliex l-Ewwel Qorti ikkonkludiet erroneament li l-incident gara unikament tort ta' l-esponent";

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti l-ewwel ghandu jigi kunsidrat l-aggravju ta' l-attur illi fis-sentenza appellata gew skartati "provi oggettivi u determinanti";

Dwar dan l-aggravju l-attur, fil-paragrafu enumerat tlettax (13) tar-rikors ta' appell, issottometta hekk (fol. 140):
"L-ewwel Qorti ma tistax taghzel liema parti mix-xhieda tas-surgent taghti affidament. Jew fil-kumpless taghha dik ix-xhieda hija tajba. Jew mhix. Fil-kaz in esami l-Ewwel Qorti accettat li dak li stqarrew mieghu z-zewg xufiera '*a tempo vergine*' kien korrett. Accettat li s-surgent ma sabx *brakemarks* wara l-vettura tal-konvenut. Accettat li fuq il-post il-vettura ta' l-esponent halliet *brakemarks*. Accettat li dawn il-*brakemarks* kienu twal 14.5 m. <u>Imbaghad skartat prova determinanti</u>: li dawk il-*brakemarks* kienu fil-*proper side* tal-*minibus* [il-vettura misjuqa mill-attur], u dan ghal raguni wahda biss - ghaliex is-surgent ikkorega l-i*sketch*, …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ma hemmx dubbju illi meta fis-silta tar-rikors ta’ appell appena citata l-attur semma “prova determinanti” kien qed jirreferi ghas-segwenti bran mis-sentenza appellata (fol. 134):
“Kwantu ghall argument ta’ l-attur li l-*brakemarks* tieghu qeghdin kollha fuq is-*side* tieghu, f’dan il-kaz il-Qorti ma tantx tista’ taghti affidament tal-posizzjoni tal-*brakemarks* (apparti t-tul taghhom) billi s-Surgent l-ewwel kien qed [*i.e.* qieghed] il-*brakemarks* dritti wara t-*truck* imbaghad fuq korrezzjoni ghamilhom dritti wara t-*transit*”;

Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija ma taqbilx ma’ l-asserzjoni ta’ l-appellant illi depozizzjoni ta’ xhud jew hija attendibbli ghal kollox jew ma hija attendibbli xejn. Kull Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi, wara id-debita valutazzjoni, taghzel jekk temminx xhud ghal kollox, jekk temmnux biss *in parte* jew illi ma temmnu xejn. Dan premess, però, dina l-Qorti ma tezitax illi ma tista’ b’ebda mod taqbel mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi “… ma tantx tista’ taghti affidament tal-posizzjoni tal-*brakemarks* (apparti t-tul taghhom) billi s-Surgent l-ewwel kien qed [*i.e.* qieghed] il-*brakemarks* dritti wara t-*truck* imbaghad fuq korrezzjoni ghamilhom dritti wara t-*transit*”. Infatti, dina l-Qorti, <u>wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti</u>, hija tal-fehma illi l-posizzjoni tal-*brakemarks* illi halliet warajha l-vettura misjuqa mill-attur fl-incident in ezami hija dik kif tirrizulta mill-iskizz, kif korrett, ippreparat mis-surgent tal-pulizija 614 Saviour Garzia u esibit mill-attur ma’ l-att ta’ citazzjoni tieghu (parti minn dok. 1, fol. 7). F’dan ir-rigward tajjeb illi jsiru s-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

(i) illi huwa veru illi, kif jinghad fis-sentenza appellata, is-surgent Garzia “l-ewwel kien qed il-*brakemarks* dritti wara t-*truck* [ara dok. S, fol. 30] imbaghad fuq korrezzjoni ghamilhom dritti wara t-*transit* [ara l-imsemmi dok. 1, fol. 7]. Is-surgent Garzia xehed hekk dwar din il-“korrezzjoni” (fol. 28):
“Qed nigi muri l-i*sketch* esebit fil-process. Nikkonferma li l-kelma [*sic*] li qed nesebixxi llum jiena wara kont bdiltha b’dak li hemm esebit fil-process u kont iffirmajt fejn bdilt il *brake marks*. Dan l-i*sketch* qieghed a fol 7 tal-process.

<u>Rigward il-*brake marks* il-posizzjoni korretta hija din fid-dokument a fol 7</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dwar din il-"korrezzjoni" xehed ukoll l-attur (fol. 35):
"… Jiena kont mort nigbor l-i*sketch* u dan l-i*sketch* ma kienx sar tajjeb, li l-*brakemarks* tnizzlu wara t-*truck* u mhux wara l-*van* tieghi. Is-surgent ikkonferma li kien hemm zball u rrangah u ffirma fuq l-i*sketch*. Il-*brake marks* ghamilhom wara l-*van* tieghi";

Huwa sinjifikattiv illi, minkejja l-importanza madornali tal-posizzjoni tal-*brakemarks* ghall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà ghall-kollizjoni in kwistjoni, il-konvenut ma ikkontroezaminax lis-surgent Garzia u, ghalkemm, ghamel il-kontroezami lill-attur (fol. 104-6), ma saqsih xejn dwar l-imsemmija korrezzjoni. Tajjeb illi jinghad ukoll illi l-konvenut ma jsemmi xejn dwar dawn il-*brakemarks* la fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet (fol. 13) u lanqas fl-*affidavit* tieghu (fol. 93-4);

(ii) illi dina l-Qorti ma issib ebda raguni ghala ma ghandhiex taccetta illi l-*brakemarks* illi halliet il-vettura misjuqa mill-attur kienu dritti kif muri fl-i*sketch* a fol.7. La darba dan huwa hekk, u la darba mhux kontestat bejn il-kontendenti illi l-vettura ta' l-attur halliet *brakemarks* u illi wara l-habta l-istess vettura spiccat fil-posizzjoni kif tidher fl-istess *sketch* <u>fuq in-naha taghha tat-triq</u>, minn naha wahda mhux possibbli illi dawn il-*brakemarks* kienu fil-posizzjoni murija fl-i*sketch* a fol. 30 u, min-naha l-ohra huwa verosimili - u dina l-Qorti hija konvinta illi hekk huwa - illi l-istess *brakemarks* kienu fil-posizzjoni rizultanti mill-i*sketch* a fol. 7;

Ikkunsidrat:

Illi hija ma issib ebda raguni ghala ma ghandhiex temmen lill-attur meta xehed (fol. 34) illi huwa applika l-*brake* <u>qabel</u> ma saret il-habta. Dan il-fatt, abbinat mal-posizzjoni tal-*brakemarks* kif irrizultat a sodisfazzjon ta' dina l-Qorti, iwassal ghall-konkluzjoni logika illi l-vettura misjuqa mill-attur baqghet il-hin kollu fuq in-naha taghha tat-triq u illi l-

kollizjoni in ezami grat bi htija unika tal-konvenut Antoine Buhagiar ghaliex saq it-*truck* numru E-8855 b'mod illi invada l-kareggjata ta' l-attur. Konsegwentement, l-istess konvenut huwa responsabbli ghad-danni rizultanti lill-attur mill-istess kollizjoni;

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti ma ssib xejn fil-komportament ta' l-attur illi seta' b'xi mod ikkontribwixxa ghall-istess kollizjoni;

Tajjeb illi jinghad ukoll illi waqt il-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula gew indirettament trattati l-aggravji l-ohra ta' l-attur appellant, u illi ghalhekk ma hemmx lok ghal konsiderazzjoni ulterjuri taghhom;

Illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, hemm lok ghar-revoka tas-sentenza appellata, ghac-cahda tat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Antoine Buhagiar u ghall-akkoljiment ta' l-ewwel (1) talba attrici;

Ikkunsidrat:

Illi huwa opportun illi l-atti processwali jigu rinvijati lill-ewwel Qorti sabiex hija tiddetermina it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici illi rispettivament jirrigwardaw il-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-kollizjoni in kwistjoni;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tichad it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Antoine Buhagiar u billi tilqa' l-ewwel (1) talba attrici fil-konfront tal-konvenut Antoine Buhagiar;

Tordna illi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza, kwantu relatati ma' l-ewwel (1) talba attrici, u l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellat Antoine Buhagiar;

Tordna ukoll illi l-atti jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------